# CELEBRAZZJONIJIET TAL-GIMGHA

# MQADDSA GEWWA .......................

## Ruvo di Puglia

***FIL-QOSOR***

Celebrazzjonijiet solenni anki gewwa Ruvo di Puglia ghal Gimgha Mqaddsa.



Jibdew mill-Gimgha tal-Passjoni, jigifieri l-Gimgha ta' qabel Hadd il-Palm u jintemmu f'Hadd il-Ghid. F'dan il-jum tinzamm il-purcissjoni tad-Desolata fejn il-Madonna tingarr fi processjoni liebsa ilbies iswed.

F'Hamis ix-Xirka tinzamm il-purcissjoni msejha tat-tmien Qaddisin jew il-Purcissjoni tat-Trasport ghad-Difna.

Fil-jum tal-Gimgha l-Kbira issir il-purcissjoni tal-Misteri, maghmula minn seba' statwi.

F'Sibt il-Ghid l-istatwa ta' Marija Addolorata bi Kristu mejjet fuq hogorha tingarr fi processjoni ta' devozzjoni.

Jintemmu l-festi f'Hadd il-Ghid meta matul il-purcissjoni ta' Kristu Rxoxt, jinharqu u jisplodu l- "QUARANTANE" . Il-"Quarantane" jew "Quarandone" hija pupazz jixbah lil mara anzjana liebsa l-iswed. il-pupazz jitwahhal fit-triq sa' mill-ewwel jum tar-Randan, biex jirrapresenta l-erbghin jum ta' penitenza. Il-hruq tieghu jissinifika r-rebha tal-hajja fuq il-mewt, il-barka tal-ferh fuq is-sagrificcji u l-penitenza, u l-migja tar-rebbiegha fuq il-kesha tax-xitwa.

## *Il-Gimgha tad-Duluri (Qabel Hadd il-Palm)*



Sa mis-sena 1893 din il-kommerazzjoni tad-Duluri kienet tigi celebrata gewwa Ruvo di Puglia. Liebsa ilbies iswed bhala sinjal ta' luttu, il-purcissjoni tohrog mill-knisja ta' San Duminku u iddur mat-toroq tal-lokal bil-partecipazzjoni tal-poplu taht it-tmexxija tal-fratellanza tal-Purifikazzjoni.

Ix-xiha ta' l-Addolorata hija manikin, b'diraghjn jiccaqilqu u l-idejn u r-ras mahduma fis-sena 1907 mill-artist minn Molfetta Corrado Binetti fil-kartapesta u mbaghad moghti l-kuluri.  Is-salib gie mibdul f'wiehed tal-hadid miksi bis-sufra.

## *Hamis Ix-Xirka.*



Fis-2.00a.m ta' Hamis ix-Xirka il-belt thejji ruhha ghal itwal lejla tas-sena: il-lejl tat-tmin qaddisin.

Il-Purcissjoni tad-deposizzjoni jew tat-tmien qaddisin tibda fis-2.30 a.m. precizi mill-knisja ta' Santu Rokku fi pjazza Castello u tibqa' tigri mat-triqat principali tal-belt sad-9.30 ta' filghodu akkumpanjata mill-fratellanza ta' Santu Rokku f'silenzju kbir, interrott biss minn noti tal-banda.

Il-fratelli tal-konfraternita ta' Santu Rokku jilbsu muzzetta hamra u ma xi nies fidili ohra jimxu processjonjalment bix-xema f'idejhom.  Huma ilhom jmexxu l-purcissjoni sa mis-sena 1920.  Hasbu biex jikkumissjonaw statwa li turi l-mument meta Kristu gie mnizzel mis-salib u

beda’ trieqtu lejn il-Qabar jew Sepulkru.  Originarjament il-grupp statwarju kienu manikini libsin, bil-Madalena li kellha xaghar twil regalat minn xebba tal-lokal. Kien biss fis-sena 1928 li l-konfraternita' zanznet l-istatwa bix-xbihat kollha mahduma fil-kartapesta.

L-istatwa tghodd tmien xbihat: Guzeppi minn Armatea u Nikodemu li qed jerfghu l-lizar fejn gie mqieghed Gesu'.  Insibu wkoll lil Marija Ssma u lil Giovanni sewiti minn Marija ta' Kleofa, Marija minn Magdala u Marija Madalena.  Dan hu xoghol ta' l-Imghallem fil-kartapesta Carretta.





MUMENT MILL-PURCISSJONI MATUL IL-LEJL,
QABEL MA TITLA X-XEMX

DETTAL MILL-ISTATWA

Matul il-jum nies qrib il-knisja jaghtu daqqa t'id biex jintramaw u jkunu mzejna bil-fjuri u oggetti ohra, is-sepulkri fejn wara l-quddiesa ta' filghaxija d-devoti nsara jaghmlu s-seba viziti.

## *IL-GIMGHA L-KBIRA.*

Wara nofs in-nhar fil-jum tal-Gimgha, jigi mfakkar ir-rit liturgika tal-passjoni. Fit-3.30pm jigi trasportat Kristu mejjet mill-Knisja tal-Karmnu ghall-Katidral fejn nofs siegha wara tinzamm l-Azzjoni Liturgika fuq il-Passjoni tas-Sinjur taghna Gesu' Kristu.




Fil-5.30p.m. tibda hierga l-purcissjoni mill-knisja tal-Karmnu, bl-istatwi tal-Passjoni u fl-ahhar timxi r-relikwiji tas-Salib Imqaddes. Meta tasl fil-pjazza tal-Katidral, il-purcissjoni tiltaqa' mas-simulark ta' Kristu mejjet li jiehu postu qabel l-Addolorata. Tard filghaxija il-purcissjoni terga mill-gdid tidhol fil-knsija tal-Karmnu.

Il-purcissjoni sa mis-sena 1950 kienet maghmulha minn 12 il-statwa, imma wara dawn naqsu u saru biss erba. Wara krizi ta' probelmi fil-konfraternita' fi tmiem is-snin 80, il-konfraternita' ziedet dawk l-istatwi li qabel ma kienitx tohrog biex hekk tinghata aktar hajja lil din l-attivita' religjuza. Fi zminijiet l-imghoddija il-konfraternitajiet kollha tal-belt kienu jiehdu sehem fil-purcissjoni ta' Gimgha l-Kbira.

## *SIBT IL-GHID*



Il-konfraternita' ta' Santa Marija tas-Suffragju wara nofs in-nhar tahseb biex torganizza l-purcissjoni ta' Marija Desolata. Il-purcissjoni tohrog mill-Knisja tal-Purgatorju u hafna devoti jimxu wara l-istatwa ta' Marija Addolorata b'Gesu' mejjet fuq hogorha.

***HADD IL-GHID.***



Gewwa Ruvo di Puglia, Hadd il-Ghid jibdel l-atmosfera li tkun ghaddiet il-belt il-gimgha ta' qabel. Arja ta' festa u ferh ma kullimkien.  Tohrog il-purcissjoni ta' Kristu Rxoxt mill-knisja ta' San Duminku.  It-tfal jixejru l-bnadar u tinharaq il-Quarandone.  Responsabbli minn din l-attivita' religjuza hija l-konfraternita' tal-Purificazzjoni Addolorata.